MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 173/2006/1

**Claire Galea**

**vs**

**Dr. Renald Blundell u b' digriet tat-Tribunal tal-11 ta' Lulju 2006 taht il-kolonna konvenut gew mizjuda l-kliem "u martu Ramona Blundell"**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Mejju, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta` Marzu, 2006, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhalsu lill-attrici s-somma ta' disa` mija u wiehed u disghin lira, ghoxrin centezmu (Lm991.20) rapprezentanti bilanc ta` somma

akbar dovuta fuq self lill-konvenut mill-mejta Gladys Blundell.

Bl-ispejjes kontra l-istess konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut Dr Renald Blundell datata 28 ta` Marzu, 2006 fejn giet kontestata t-talba attrici u nghad li fl-ewwel lok l-attrici ghandha tipprova li fil-fatt il-flus kienu gew mghoddija b'titolu ta` self u fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess l-azzjoni odjerna kienet preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (e) Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Fis-seduta tal-11 ta` Lulju, 2006 il-konvenuta Ramona Blundell iddikjarat li qed taghmel taghha l-eccezzjonijiet gia` sollevati minn zewgha Renald Blundell. Inoltre fl-20 ta` Novembru, 2006 l-istess konvenuta pprezentat eccezzjoni ulterjuri fis-sens li tghid li ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li hi u zewgha kienu eskludew l-istitut tal-komunjoni tal-akkwisti fiz-zwieg taghhom fejn kellu japplika biss il-komunjoni tar-residwu u dana in forza ta` kuntratt pubbliku atti Nutar Dottor Roberta Bisazza datat 20 ta` Awissu, 1999 liema kuntratt jinsab ezebit bhala Dok RB1 a fol 72 tal-process.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-punt kardinali f'dan il-kaz huwa jekk il-flus li ghaddew bejn il-mejta zija Gladys Blundell favur il-konvenut kienux taht titolu gratuwitu ta` donazzjoni jew inkella b'self u dana peress illi l-istess konvenut jammetti li kien ircieva somma flus

minghand zitu. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija wahda sussidjarja f'kaz li jigi ppruvat li l-flus ghaddew b'self u mhux b'donazzjoni.

Waldemar Galea fl-affidavit tieghu jghid illi permezz ta` nota datata 1 ta` Settembru, 1998 il-mejta Gladys Blundell kienet indikat li tat b'self lill-konvenuti s-somma ta` Lm2000 minghajr ebda terminu ta` pagament. In kontro-ezami jikkonferma li ma kienx prezenti meta nkitbet din in-nota. Fil-bqija, il-kontenut tal-affidavit voluminuz tieghu jikkontjeni fatti li ma gewx a konjizzjoni tieghu di xjenza proprja jew fatti ghal kollox irrilevanti ghal kaz odjern. Dan l-istess notament taghmel referenza ghalih ukoll l-imsemmija attrici fl-affidavit taghha u jinsab ezebit bhala Dok APX 3a. In-notament in kwistjoni jinsab miktub fuq in-naha ta` wara ta` dan id-dokument li fuq il-faccata tieghu jikkontjeni l-iskrittura privata ta` self favur l-istess konvenuti ghas-somma ta` Lm20,000 mhux meritu ta` dina l-kawza. In-notament jghid testwalment "il-kreditrici hawn taht iffirmata tat ukoll b'titolu ta` self lil Renald Blundell u Ramona Caruana is-somma ta` elfejn lira (Lm2,000) fl-1 Sept, 1998". Huwa precizament fuq dan id-dokument li l-azzjoni odjerna ta` l-attrici qieghdha tistrieh kif jidher ukoll mill-affidavit taghha li ghalkemm ukoll voluminuz ftit li xejn jikkontjeni aktar fatturi u provi ulterjuri meritu ta`  dan il-kaz.

Illi dwar dan id-dokument jinghad li fl-ewwel lok ma jinsabx ezebit l-original tieghu. L-awtenticita` tieghu baqghet qatt ma giet ippruvata skond il-ligi. Il-kuntratt ta` self huwa kuntratt ta` natura bilaterali u fl-ahjar ipotesi ghall-attrici tali notament jinsab iservi bhala prova korrobatorja li fil-fatt kien sehh is-self u mhux prova intrinsika tal-istrument tas-self innifsu stante li si tratta ta` semplici dikjarazzjoni unilaterali li fil-passat seta` sar xi self cioe` fis-sena 1998. Inoltre jigi osservat ukoll li tali dikjarazzjoni ma fiha ebda data ta` meta saret. L-attrici taghmel referenza wkoll ghal Dok 4d u

tallega li Gladys Blundell kienet kitbet il-kliem hemm mehmuz fuq envelope li kien jikkontjeni ic-cheques mahruga fuq il-konvenuti dokumenti ohra. Prova ta` din l-allegazzjoni pero` ma gietx imressqa u anqas l-originali ta` l-istess ma gie ezebit u anqas ma giet iffirmata l-awtenticita` tal-kopja ezebita. L-attrici tallega li l-konvenut gieli ammetta maghha fuq it-telephone li kien ha b'self is-somma ntiera ta` Lm22,000 fattur li jinsab kontestat minnu fl-odjerni proceduri oltre ghall-fatt li l-abbozz ta` ftehim ezebit bhala Dok APX 10 baqa ma giex iffirmat. Illi ghalkemm mhux kompitu tat-Tribunal li joqghod jidhol fit-trattattivi ta` transazzjoni li kien hemm qabel l-intavolar ta` dina l-kawza jigi osservat pero` li l-bazi tal-ftehim kien fis-sens li l-konvenut ihallas lura certu ammont tas-self lilu moghti b'mod immedjat ghas-saldu ghalkemm f'somma nferjuri stante li kien ser jirrinunzja ghal beneficcju tat-terminu ta` hlas lilu koncess. Illi ghalhekk fl-istess trattattivi qatt ma gie stabbilit jew qatt ma kien hemm prova ta` accettazzjoni vera u proprja li dwar in-natura tas-somma ta` elfejn lira moghtija – dejjem sar diskors biss ta` ripagament ta` somma wahda ghas-saldu. Anzi bil-maqlub jidher car mill-affidavit ta` l-istess attrici li l-konvenut gia` kien qed jilmenta mill-fatt li hija arbitrarjament qabdet u ghamlet tpacija minn jeddha kontra l-ammont ta` Lm2,000 fis-somma ta` Lm1,008.80 li kellha tghaddielu kif dal resto tidher evidenti wkoll din il-posizzjoni li ha l-konvenut tramite l-ittra tal-konsulent legali tieghu ezebita bhala Dok APX 17 a fol 58 tal-process u ittra tieghu stess ezebita bhala Dok APX 13 a fol 54 tal-process. Jinghad inoltre li l-istess attrici stess tammetti li kienet l-abitudini taz-zija komuni tal-partijiet li din kienet taghti donazzjonijiet ta` flus lin-neputijiet taghha nkluz lilha stess. L-attrici wkoll tikkonferma li hi ma kinietx prezenti meta nkiteb in-notament fuq in-naha ta` wara tad-dokument li jinsab ezebit a fol 31 tal-process. Hija kienet taf biss ossia semghet li z-zija kienet tat loan lill-kugin taghha, l-odjern konvenut, pero` ma kinietx taf

xejn dwar l-ammont misluf jew aktar dettalji fuqu. Jekk per caso kienet infurmatha dwar l-ammont misluf, hija ma ftakritx dan id-dettal fil-mument tax-xhieda taghha.

Il-konvenut Dr Renald Blundell jikkonferma li fl-1 ta` Settembru, 1998 huwa kien inghata minghand zitu cheque ghas-somma ta` Lm2,000 bhala rigal u mhux bhala self. Huwa kompla jispjega c-cirkostanzi u r-ragunijiet il-ghala din iz-zija kienet taghtu din id-donazzjoni. Jissokta jghid illi minn dak in-nhar sakemm mietet fis-sena 2002, iz-zija tieghu mhux talli qatt ma talbitu dawn il-flus lura izda sahansitra kienet taghtu aktar rigali minn daqshekk. Huwa jilmenta ghalhekk mill-fatt li ma kellhom ebda dritt inaqqsu l-ammont lilu dovut mill-wirt taz-zija bhala tpacija in parte ma` l-ammont ta` Lm2,000 li kien inghatalu u dana ghar-raguni fuq spjegata. Jikkonferma wkoll li n-notament li hemm fuq in-naha ta` wara tad-dokument a fol 31 tal-process mhux biss ma kienx rah jinkiteb izda sahansitra li l-ewwel darba li rah kien appuntu ftit taz-zmien ftit biss qabel ma gew prezentati dawn il-proceduri.

Illi in vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li l-attrici minn naha naqset li ggib prova soddisfacenti li l-ammont ta` Lm2,000 kienu gew moghtija lill-konvenut taht titolu ta` self anzi jezistu provi sufficcjenti fuq bazi ta` probabbilita` li dan l-ammont fil-fatt kien inghata lill-konvenut b'mod gratuwitu bhala rigal u kwindi mhux restitwibbli.

In sostenn tal-eccezzjoni ulterjuri taghha, il-konvenuta Ramona Blundell ezebiet il-kuntratt pubbliku li kien sar bejnha u bejn zewgha Dok RB1 iffirmat qabel iz-zwieg taghhom u kkonfermat li huma zzewgu nhar id-29 ta` Awissu, 1999.

In vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fl-ewwel lok jilqa` l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuta

> Ramona Blundell u kwindi jilliberha mill-osservanza tal-gudizzju. In kwantu ghal meritu tal-kaz qieghed jilqa` l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut Dr Renald Blundell u konsegwentement jirrespingi t-talbiet attrici fil-konfront ta` l-istess konvenut. It-Tribunal huwa tal-fehma li ghandu jkun ekwu u gust li l-ispejjes ta` din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet u kwindi qed jaghti ordni f'dan is-sens fuq il-Kap ta` l-ispejjes."

L-appell ta' l-attrici hu wiehed dirett kemm fil-kontestazzjoni tad-digriet tad-29 ta' Marzu 2007 li bih it-Tribunal cahdilha t-talba taghha ghall-esebizzjoni ta' dokumenti, kemm fir-rigward tas-sentenza fil-mertu hawn fuq riportata. Brevement, l-assunti taghha huma dawn:-

(1) Ir-rikjesta taghha ghall-produzzjoni tad-dokumenti kienet intiza biex tirribatti x-xhieda tal-konvenut Renald Blundell fejn dan iddikjara illi s-somma ta' elfejn lira (Lm2000) moghtija lilu miz-zija premorta Gladys Blundell kienet taht forma ta' rigal;

(2) F' kull kaz, anke mill-provi l-ohra in atti hi lahqet il-grad tal-prova rikjesta mil-ligi b' dimostrazzjoni tal-fatt illi dik l-istess somma nghatat lill-konvenuti b' self;

(3) F' kull kaz ukoll, l-Artikolu 1753 tal-Kodici Civili jesigi illi kull donazzjoni trid issir b' att pubbliku sakemm ma tkunx donazzjoni ta' ammont zghir;

Qabel kull konsiderazzjoni tal-predetti assunti, huwa determinanti li jigu ri-epilogati l-elementi tal-provi l-aktar rilevanti:-

(1) Jirrizulta illi bi skrittura ta' l-24 ta' Gunju 1997 (ara kopja a fol. 31), Gladys Blundell ghaddiet lill-konvenuti b' titolu ta' mutwu s-somma ta' ghoxrin elf Lira (Lm20,000). Fuq ir-*retro* ta' dan l-istess dokument hemm dikjarat illi l-istess Gladys Blundell ghaddiet ukoll lill-

konvenuti fl-1 ta' Settembru 1998, u bl-istess titolu ta' self, is-somma ta' elfejn lira (Lm2000). Effettivament, il-kopja tac-*cheque* tal-Mid-Med Bank bl-istess data, esebit a fol. 34, jikkonferma t-trapass ta' din is-somma;

(2) Jezisti wkoll notament fuq speci ta' busta (fol. 38) illi l-ammont totali ta' tnejn u ghoxrin elf Lira (Lm22,000) f' forma ta' "*loan*" giet moghtija lill-konvenuti "*to buy their house*". Incidentalment, fid-deposizzjoni taghha a fol. 85, il-konvenuta filwaqt li tiddikjara li kienet injara mil-*loan* ta' elfejn lira (Lm2000) in kwantu ma kienetx involuta direttament fih, tistqarr illi l-*loan* l-iehor ta' ghoxrin elf (Lm20,000) haduh biex jirrangaw id-dar u t-twieqi;

(3) Jirrizulta, l-aktar mix-xhieda ta' l-attrici u ta' zewgha Waldemar Galea (ara affidavits taghhom a fol. 10 u fol. 21 rispettivament) illi, avvenuta l-mewt ta' Gladys Blundell, saru diskussjonijiet bejn l-attrici, eredi testamentarja taghha, u l-kugini taghha, kompriz il-konvenut, ilkoll legatarji tad-defunta, biex jaghtu effett ezekuttiv lit-testment ta' din tat-13 ta' Settembru, 1991 (ara kopja tieghu a fol. 27). F' dawn id-diskussjonijiet gie ttrattat is-self tal-flejjes surreferit u, kif jidher mill-abbozz ta' skrittura ta' ftehim (fol. 48), jidher li f' xi zmien intlahaq qbil li l-konvenuti jhallsu ghas-saldu ta' l-istess self is-somma komplessiva ta' disat elef lira (Lm9000). Il-ftehim ahhari fuq din il-materja qatt ma gie definit;

(4) Sussegwentement, l-attrici rriteniet bi tpacija kontra s-self ta' elfejn lira s-somma ta' elf u tmien liri (Lm1008), ammont hekk dovut lill-konvenut in linea ta' sehemu mil-legat lilu mholli flimkien ma' kugini ohra. B' ittra tad-19 ta' Settembru 2004 (fol. 54) il-konvenut iddomanda li tinghatalu din is-somma. Dan gie rifjutat mill-attrici li ghaddiet biex titolbu l-hlas tas-somma bilancjali ta' disa' mija u wiehed u disghin lira u ghoxrin centezmu (Lm991.20), mertu tal-kawza odjerna;

Fuq il-liberu konvinciment taghha ta' dawn l-istess provi din il-Qorti ma thossx li tista' taqbel mar-ragonament tat-

Tribunal illi l-attrici naqset li ggib prova sodisfacenti illi s-somma ta’ elfejn lira hekk moghtija mid-decujus Gladys Blundell lill-konvenut kienet b’ titolu ta’ self. Lanqas ma tista’, fuq il-valutazzjoni taghha ta’ l-assjem tal-provi, tikkondividi l-fehma espressa mit-Tribunal illi kienu jezistu provi sufficcjenti fuq bazi ta’ probabilita` illi dak l-istess ammont inghata lill-konvenut b’ mod gratuwitu bhala rigal. Dan anke jekk l-attrici ma gietx konsentita tipproduci dawk il-provi l-ohra dokumentali konsistenti minn estratti mid-djarju tad-decujus li hi xtaqet iggib, u li, fil-vertita`, dwarhom irid jinghad li t-Tribunal ma kienx guridikament gustifikat, dato l-importanza ta’ l-esebizzjoni taghhom fl-istadju li saret it-talba, li jichad l-istess talba;

Fir-rigward din il-Qorti qed taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Primarjament, ma jistax jonqos li jigi notat illi l-ewwel darba li ssemma mill-konvenut li dik is-somma (Lm2000) inghatat lilu b’ rigal kien biss fil-kors tad-deposizzjoni tieghu fl-udjenza tat-12 ta’ Frar 2007 quddiem it-Tribunal (fol. 93). L-ebda menzjoni dwar dan ma nsibu la fl-*e-mail* tal-konvenut tad-9 ta’ Awissu 2004 (fol. 52) u lanqas fl-ittra tal-konsulent legali b’ risposta ghall-ittra ufficcjali a fol. 58. Wisq anqas ma dan jinghad espressament fir-Risposta tal-konvenuti ghall-kawza promossa (fol. 5). Huma jillimitaw ruhhom ghall-eccezzjoni generika li t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt. L-ebda alluzjoni illi dik is-somma nghatat lilhom taht forma ta’ rigal. Mhux dan biss. Huma jeccepixxu inoltre l-preskrizzjoni relattiva ghall-azzjoni tar-rifuzjoni lura tas-self. Anke dan jimmanifesta l-atteggjament difensjonali taghhom f’ dak l-istadju;

(2) Fit-tieni lok, jassumi sinjifikat importanti hafna l-fatt illi l-konvenuti minn imkien fix-xhieda taghhom ma jattakkaw l-awtenticita` tad-dokumenti esebiti mill-attrici u l-aktar dawk l-anotamenti, apparentement maghmula mid-defunta *di proprio pugno*, li dwarhom saret referenza fl-esposizzjoni tal-fatti;

(3) Irid jinghad, imbaghad, fuq il-pjan guridiku illi, trattasi ta’ allegata donazzjoni, din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq il-mera asserzjoni tal-konvenut (mhux adegwatament korroborata) illi dik l-ghotja tas-somma ta’ flus lilu minn zitu ghandha tigi kwalifikata bhala semplici rigal, ankorke hu accettat illi d-defunta kienet persuna generuza;

(4) Meta l-ligi fl-Artikolu 1753 (1) tal-Kodici Civili tesigi *ad validitatem* li d-donazzjoni ghandha tirrizulta minn att pubbliku dan ma taghmlux b’ kapricc izda biex telimina kull dubju u dissidji fuq in-natura guridika tal-ftehim li jkun sar. Huwa veru li skond is-subinciz (2) ta’ l-istess artikolu din il-formalita` mhix hekk obbligatorja fil-kaz ta’ donazzjonijiet li jinghaddu minn id ghal id, ta’ flus jew hwejjeg ohra mobili korporali jew ta’ titoli ghall-portatur jekk is-somma jew il-valur taghhom ikun zghir, avut rigward ghall-kondizzjonijiet tal-persuni u cirkustanzi ohrajn. Anke jekk bil-kriterju soggettiv, tenut kont tal-kondizzjonijiet ekonomici tad-“donanti”, il-kuncett tal-valur modiku jista’ apparentement jitqies li hu sodisfatt, mhux l-istess jista’ jinghad, fil-fehma tal-Qorti, illi l-istess koncett jilhaq l-aspettattiva tal-kriterju oggettiv korrelat mas-somma moghtija. L-ammont ta’ elfejn lira (Lm2000) mhux wiehed negligibbli u allura kien dejjem mistenni li l-prova li dak l-ammont kien rigal tkun wahda aktar rigoruza minn semplici asserzjoni;

(5) L-accertament tar-rekwiziti tal-valur modiku jikkostitwixxi certament apprezzament ta’ fatt rimess lill-Qorti u dan, fil-fattispeci, ghal din il-Qorti, ma jirrizultax li l-valur kien ta’ din l-ispeci. Kif lanqas, del resto, ma jirrizulta fuq l-evalwazzjoni taghha tar-rizultanzi istruttorji illi jissussisti dak l-element essenzjali tad-donazzjoni, “*ovvero, la spontaneita` e la liberalita` dell’ atto del donante*” (“**Gregorio Bugelli *et* -vs- Salvatore Gatt**”, Prim' Awla, Qorti Civili, 2 ta’ Mejju 1928);

Raggunta din il-konkluzjoni jonqos li tigi ezaminata l-presrkizzjoni opposta mill-konvenuti ai termini ta’ l-Artikolu 2156 (e) tal-Kapitolu 16, li tipprovdi li “l-azzjonijiet ghar-radd ta’ flus moghtija b’ self, jekk is-self ma jirrizultax minn

att pubbliku", jaqghu bl-eghluq ta' hames snin. Mill-atti jirrizulta li s-self ta' elfejn lira sar fl-1 ta' Settembru 1998. Dwar ir-radd lura tieghu ma gie miftiehem ebda zmien u ebda hlas ta' imghaxijiet fuq is-somma mislufa. Skond gurisprudenza konkordi ghal fini tal-preskrizzjoni wiehed kellu jhares mhux ghad-data tal-ftehim imma ghad-data li fiha kellha ssir ir-restituzzjoni. Ara a propozitu "**Catherine Busuttil *et* -vs- Catherine Formosa**", Appell Kummercjali, 12 ta' Marzu 1973;

Issa fil-kaz prezenti la ma kienx hemm akkordat ebda zmien ghal tali restituzzjoni, hu prezunt skond l-Artikolu 1078, Kodici Civili illi dak iz-zmien hu wiehed ta' sentejn ghal kaz fejn is-somma li ghandha tinghata lura hi wahda minghajr imghax. Il-perijodu preskrittiv kwinkwennali kellu allura jibda jiddekorri b' effett mit-2 ta' Settembru 2000. L-ewwel att gudizzjarju kostitwit bl-ittra ufficcjali sar fis-16 ta' Novembru 2005 u allura, matematikament, wara l-hames snin tal-preskrizzjoni. B' danakollu, kif saput, il-preskrizzjoni tista' tinkiser mhux biss b' "kull att gudizzjarju" a norma ta' l-Artikolu 2128 Kodici Civili, izda wkoll fil-kaz fejn id-debitur jirrikonoxxi l-ezistenza tad-dejn (Artikolu 2133 Kodici Civili). Tali rikonoxximent jista', imbaghad, ikun anke prezunt jew indirett. Ara "**Alfredo Borg -vs- Carmelo Brincat *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Gunju 1959. Fuq l-interpretazzjoni taghha tal-vicendi u tat-trattattivi kif dawn zvolgew bejn il-partijiet, ghallanqas sal-mument ta' l-abbozz fl-2004, il-konvenuti kienu qed jaghrfu illi minghand Gladys Blundell huma rcevew is-somma ta' tnejn u ghoxrin elef lira (Lm22000), tant li ma jirrizultax li qatt kien hemm xi cahda taghhom dwar dan. Huwa veru li aktar 'il quddiem, kif gja intwera, huma jsostnu li dik is-somma ta' elfejn lira kienet rigal u mhux ukoll self, izda dan ma jnehhi xejn, u ma jinnewtralizzax, il-fatt posittiv li huma rcevew ukoll dik is-somma li baqghu ma irrestitwewx, u li in bazi ghal konsiderazzjonijiet fuq maghmula, giet determinata li kienet moghtija b' self. Anke, allura, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija mhix qed titqies fondata;

Fl-ahharnett, gjaladarba l-appellanti issollevat ukoll ilment fuq il-liberazzjoni tal-konvenuta Ramona Blundell mill-osservazzjoni tal-gudizzju, din il-Qorti ma tarax illi t-Tribunal kien korrett fid-decizjoni tieghu fuq dan il-punt. Skond il-kuntratt tal-20 ta' Awissu 1999 (fol. 72) il-koppja Blundell ghazlu li jirregolaw iz-zwieg taghhom taht ir-regim matrimonjali tal-Komunjoni tar-Residwu. Minnu jirrizulta illi l-imsemmija konvenuta ghandha n-nofs indiviz tal-fond residenzjali f' B'Kara fejn, kif koncess minnha, is-self intuza biex dan jigi rrangat u ghat-twieqi. In vista ta' dak li jinghad fl-Artikolu 1342 (d) tal-Kodici Civili dwar djun li jkun saru ghal skop ta' tiswijiet ordinarji ta' beni parafernali tal-parti li l-utli taghhom ikunu inkluzi fl-utli regolati mill-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata, l-imsemmija konvenuta kellha hi wkoll taghmel tajjeb *in solidum* mal-konvenut l-iehor zewgha, proprjetarju tan-nofs indiviz l-iehor tal-fond, ghar-restituzzjoni tas-self.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u b' hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tat-Tribunal tal-11 ta' Mejju 2007. Tikkundanna liz-zewg konvenuti flimkien biex iroddu lura lill-attrici s-somma minnha mitluba fl-Avviz, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom. Dejjem in bazi ghall-istess kunsiderazzjonijiet suesposti l-Qorti mhix qed tippronunzja ruhha fuq l-ilment relattiv ghad-digriet moghti mill-istess Tribunal fid-29 ta' Marzu 2007, anke ghaliex dan fic-cirkustanzi ma jservi ta' ebda utilita`, in vista tal-konkluzjoni raggunta f' din is-sentenza mill-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------